MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 626/1997/2

**Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit)**

**v.**

**Nicholas Gatt u b'digriet tat-12 ta' Marzu 1999, giet imsemmija fil-kawza l-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

## <u>I. PRELIMINARI</u>

1. Dan huwa appell minn decizjoni moghtija fl-10 ta' Jannar, 2000, mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) li biha ddecidiet li tastjeni milli tiehu

konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni kostituzzjonali riferita lilha mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali b’digriet moghti fis-19 ta’ Dicembru, 1997, u dan ghar-raguni li l-appell kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt” kien gie dikjarat dezert mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-3 ta’ Settembru, 1988. Ir-referenza kostituzzjonali kienet tirrigwarda allegazzjoni maghmula mill-appellant Nicholas Gatt li allega li sofra diskriminazzjoni projbita fit-tgawdija tal-proprjeta` tieghu bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti fl-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 14 ta’ l-istess konvenzjoni.

2. Id-decizjoni appellata tghid hekk:
“Dan huwa provvediment li qed jinghata fir-rigward tal-punt sollevat mill-Qorti *ex officio* fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru, 1999. F’dik l-udjenza din il-Qorti osservat li kienet giet infurmata, u kien del resto jidher ukoll mill-kopja tal-verbali li kellha quddiemha (u li qed jigu annessi ma’ dan il-provvediment), li l-appell kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt” kien gie dikjarat dezert mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-3 ta’ Settembru, 1998. F’dik l-udjenza, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-16 ta’ Dicembru 1999, u issa tinsab f’posizzjoni li tipprovdi dwar is-sitwazzjoni li nholqot bid-dezerzjoni msemmija.

Il-kronologija tal-fatti kienet is-segwenti: b’digriet taghha tad-19 ta’ Dicembru 1997, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali baghtet quddiem din il-Qorti (il-Prim Awla tal-Qorti Civili) il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-appellant Nicholas Gatt. Fl-istess udjenza dik il-Qorti (ta’ l-Appell Kriminali) iddifferiet l-appell ghat-23 ta’ Frar, 1998. B’ordni tat-12 ta’ Marzu 1998, l-appell gie differit ghall-20 ta’ Marzu, 1998; u fl-20 ta’ Marzu 1998, gie differit in kamera ghad-29 ta’ Mejju 1998, u wara ghall-10 ta’ Gunju 1998, mill-verbali msemmija jirrizulta li fl-10 ta’ Gunju 1998, l-appellant Nicholas Gatt rega’ deher quddiem dik il-Qorti; dik il-Qorti kienet giet infurmata li r-referenza, ossia il-kwistjoni

kostituzzjonali kienet ghadha ma gietx deciza[1] u l-appell gie differit ghas-6 ta' Lulju, 1998. Fis-6 ta' Lulju 1998, Nicholas Gatt rega' deher, bhala appellant, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali; dik il-Qorti regghet iddifferiet l-appell ghat-3 ta' Settembru, 1998. Fit-3 ta' Settembru 1998, Nicholas Gatt ma deherx u l-appell tieghu gie dikjarat dezert. Ma jirrizultax li hu talab ir-riappuntament ta' dan l-appell fiz-zmien u bil-modalita` msemmija fl-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk il-posizzjoni llum hi li ma ghadx hemm kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt". Tigi ghalhekk nieqsa l-bazi guridika ghar-referenza kostituzzjonali ghax, irrispettivament minn dak li tista' tiddeciedi din il-Qorti (cioe` l-Prim Awla) dwar il-kwistjoni originarjament imqanqla minn Nicholas Gatt, ma hemmx kawza li fiha d-decizjoni tal-Prim Awla tista' tigi attwata fis-sens kif mahsub fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Isegwi ghalhekk li jkun inutili u semplici ezercizzju akkademiku li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dwar il-kwistjoni originarjament mibghuta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Konsegwentement din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni.

L-ispejjez, jekk hemm, ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

3. Ikun xieraq li jinghata hjiel tal-kronologija tal-fatti l-aktar saljenti li pprecedew din id-decizjoni. Fit-28 ta' Lulju 1988, Nicholas Gatt applika mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet sabiex jibni post ghall-abitazzjoni fil-plots numru 10 u 11 gewwa ta' Zmetta, Siggiewi. Fl-1 ta' Novembru 1988 din l-applikazzjoni giet rifjutata bil-motivazzjoni li: *"..proposed*

[1] Fil-fatt il-kwistjoni kienet tinsab quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fuq appell ta' Nicholas Gatt minn digriet ta' din il-Qorti – i.e. tal-Prim Awla – tal-31 ta' Dicembru 1997, li permezz tieghu kienet cahdet talba ghall-kjamata in kawza ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan id-digriet inghatat fit-13 ta' Jannar, 1999.

*works do not fall within the general policy declared by Government with reference to building permits i.e. applicant's site was never within boundary of an area covered by a planning scheme zone for building"* (fol. 15).

4. Fit-22 ta' Dicembru, 1988, il-Pulizija Ezekuttiva harket lill-Nikolas Gatt biex jidher quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Malta talli go l-imsemmija Plots 10 u 11 f'ta' Zmetta, Siggiewi ghamel xoghol minghajr permess tal-PAPB u talbet lill-Qorti sabiex tordna it-twaqqiegh tax-xoghol li kien gia` sar.

5. Fit-3 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabet lil Nicholas Gatt responsabbli ghall-kostruzzjoni ta' dar u garage illi saru in vjolazzjoni tal-Artikolu 16 u 17 tal-Kapitolu 10 u ghalhekk sabet lill-imsemmi imputat hati skond l-akkuza u kkundannatu Lm300 multa u ordnatlu sabiex fi zmien tlett xhur jottempera ruhu mal-ligi bit-twaqqiegh jew bi hrug ta' permess taht penali ta' Lm25 kuljum fin-nuqqas.

6. Nicholas Gatt hassu aggravat minn dik is-sentenza u fit-13 ta' Settembru 1996 intavola rikors ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn talab illi dik il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni jew piena. F'dan ir-rikors Nicholas Gatt inter alia issottometta hekk:

"Il-fatt li madwar l-imputat, fil-plots ta' madwarhu, l-art kollha inbniet u hargu permessi, kif ukoll il-fatt li l-Qorti, bir-rispett kollu lejha ma stennietx decizjoni definittiva dwar l-applikazzjoni ghall-permessi jikkostitwixxi diskriminazzjoni projbita fil-konfront tieghu."

7. B'digriet moghti fid-19 ta' Dicembru 1997, il-Qorti ta' Appell Kriminali baghtet lil-Prim' Awla tal-Qorti Civili kwistjoni kostituzzjonali imqajjma minn Nicholas Gatt dwar allegazzjoni li huwa sofra diskriminazzjoni projbita fit-tgawdija tal-proprjeta` tieghu u dan bi ksur tad-drittijiet tieghu sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-

Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u bl-Artikolu 14 ta' dik il-Konvenzjoni. Ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet l-imsemmija riferenza kostituzzjonali sabiex il-Qorti Civili Prim Awla taghti d-decizjoni taghha fit-termini ta' l-Artikolu 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319).

8. Fil-31 ta' Dicembru, 1997, inghata digriet mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li bih cahdet talba ta' Nicholas Gatt sabiex tigi kjamata in kawza l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Dik il-Qorti ma ratx il-htiega li jizdiedu fil-kawza partijiet li ma kinux fil-kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta dina ghamlet l-ordni in kwistjoni u ghalhekk cahdet it-talba ghall-istess kjamata in kawza.

9. Nicholas Gatt hassu aggravat minn dan id-digriet u interpona appell minnu fis-6 ta' Jannar 1998 quddiem din il-Qorti. Bis-sentenza taghha tat-13 ta' Jannar 1999, din il-Qorti laqghet l-appell ta' Nicholas Gatt irrevokat id-digriet moghti fil-31 ta' Dicembru, 1997 u laqghet it-talba ghall-kjamata fil-kawza ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar l-atti tal-kawza gew rimessi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex din tkompli titratta l-kaz bil-presenza ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar bhala msejjha fil-kawza f'dawn il-proceduri.

10. Kif diga` ntqal, fl-10 ta' Jannar, 2000, Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, tat provediment li bis-sahha tieghu asteniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni kostituzzjonali riferita lilha peress li l-appell kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt" kien gie dikjarat dezert mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' Settembru, 1998. Din id-decizjoni tinsab riprodotta kollha fil-paragrafu 2 ta' l-odjerna sentenza.

**<u>Il L-APPELL</u>**

11. Fid-19 ta' Jannar 2000, Nicholas Gatt appella minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti u, wara li spjega l-aggravji tieghu, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-10 ta' Jannar 2000 u konsegwentement tordna l-prosegwiment tar-referenza

mill-ewwel Qorti skond il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

12. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar ikkontestat dan l-appell b'risposta pprezentata fl-24 ta' Jannar 2000, u li biha, wara li wiegbet ghall-argumenti mressqa mill-appellant, sostniet li d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) hija gusta u timmerita` konferma. Ghalhekk, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mid-decizjoni appellata, liema decizjoni talbet li tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant Nicholas Gatt.

13. Dan l-appell gie ukoll ikkontestat b'risposta pprezentata mill-Kummissarju tal-Pulizija fis-27 ta' Gunju 2000. Din ir-risposta ssostni r-ragunijiet ghaliex is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk dan l-appellat talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata u ghalhekk tichad l-appell intavolat, bl-ispejjez.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

14. Minn dak li ntqal sa issa jirrizulta li fil-mori ta' appell imressaq mill-appellant quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, dik il-Qorti ghamlet referenza kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Civili skond l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea[2] li jghid hekk:

**"Jekk f'xi procediment f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet**

[2] L-Att XIV ta' l-1987

**tas-subartikolu (4), il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.”**

15. Jirrizulta li waqt li l-Prim’Awla tal-Qorti Civili kienet qeghda titratta l-kwistjoni kostituzzjonali riferita lilha, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali baqghet tiddiferixxi l-appell kriminali minn differiment ghall-iehor dejjem tistenna l-ezitu tar-referenza. Gara izda li fis-seduta tat-3 ta’ Settembru 1998, l-appellant Nicholas Gatt naqas li jidher quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u ghalhekk dik il-Qorti ddikjarat l-appell tieghu dezert dakinhar stess. L-istess appellant naqas li jitlob ir-riappuntament ta’ l-appell tieghu fiz-zmien u bil-mod indikat fl-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali. Fid-dawl ta’ dawn il-fatti, il-Prim Awla tal-Qorti Civili astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kwistjoni ghaliex bid-decizjoni taghha tal-10 ta’ Jannar 2000, irriteniet li,

*“...il-posizzjoni llum hi li ma ghadx hemm kawza quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt”. Tigi ghalhekk nieqsa l-bazi guridika ghar-riferenza kostituzzjonali ghax, irrispettivament minn dak li tista’ tiddeciedi din il-Qorti (cioe` il-Prim Awla) dwar il-kwistjoni originarjament imqanqla minn Nicholas Gatt, ma hemmx kawza li fiha d-decizjoni tal-Prim’ Awla tista’ tigi attwata fis-sens kif mahsub fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319....”* (fol. 51)

16. L-appellant qieghed jikkontesta din id-decizjoni b’dan l-appell bazikament b’zewg aggravji. Fl-ewwel lok huwa qieghed jirritieni li r-riferenza maghmula lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili mill-Qorti tal-Appell Kriminali a bazi ta’ possibbli vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali kkreat procedura b’ezistenza indipendenti u awtonoma minn dawk il-proceduri li bis-sahha taghhom tkun inizjalment twieldet ir-riferenza. L-appellant jillanja li bid-decizjoni appellata giet kreata sitwazzjoni fejn id-dezerzjoni tal-proceduri Kriminali gabu t-terminazzjoni tal-proceduri quddiem l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili minghajr ma kien hemm decizjoni fuq il-materja li giet riferita lilha ghad-

decizjoni. Bit-tieni aggravju tieghu l-appellant sostna li d-digriet ta’ dezerzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, f’cirkostanzi fejn kienet ga saret riferenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghad-decizjoni tal-punti sollevati minnu li kienu qed jigu lezi d-drittijiet fondamentali tieghu, huwa provvediment li fih nnifsu hu leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu. Skond l-appellant, la darba l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ghamlet l-ordni ta’ referenza, din l-istess Qorti kellha l-kompitu li qabel ma tiehu xi decizjoni ohra f’dik il-vertenza pendenti quddiema, tistenna l-ezitu ta’ dik ir-riferenza minnha maghmula, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

17. Bl-ewwel aggravju l-appellant qieghed isostni li meta ssir referenza kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Civili minhabba l-possibilita` ta’ xi vjolazzjoni ta’ xi dritt fondamentali, il-procedura relattiva quddiem dik il-Qorti takkwista ezistenza indipendenti u awtonoma minn dawk il-proceduri mil-liema tkun inizjalment twieldet ir-referenza. Din il-Qorti ma tarax li tali interpretazzjoni hija korretta. Ghall-kuntrarju, jidher car ghal din il-Qorti li l-procedura ta’ referenza kostituzzjonali hija intimament konnessa mal-kawza u l-proceduri li minnhom tkun twieldet. Infatti, fil-kaz odjern, in-ness bejn iz-zewg proceduri johrog car mill-fatt li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kif kienet obbligata li taghmel, ghamlet zmien konsiderevoli tistenna l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Li kieku kien mod iehor u z-zewg proceduri quddiem iz-zewg Qrati kienu awtonomi u indipendenti minn xulxin, kif qieghed isostni l-appellant, l-appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kien ikompli jinstema’ irrispettivament minn dak li kien qed isir quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. In-ness bejn iz-zewg procedimenti johrog ukoll mill-kliem stess ta’ l-Artikolu 4(3) fuq citat

**“...il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.”**

18. Fil-kaz odjern, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma kellhiex il-bzonn li tiddisponi mill-kwistjoni kostituzzjonali ghas-semplici raguni li minhabba n-nuqqas ta’ dehra ta’ l-

appellant fis-seduta mizmuma mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' Settembru 1998, l-appell tieghu gie dikjarat dezert. Billi l-istess appellant ma talabx ir-riappuntament ta' l-appell fit-termini ta' l-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali, allura l-appell tieghu quddiem dik il-Qorti safa' definittivament dezert. B'dan il-mod dawk il-proceduri ta' natura kriminali sfaw mitmuma definittivament minhabba n-nuqqas imsemmi ta' l-appellant u ovvjament il-kwistjoni kostituzzjonali riferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sfat kompletament sorpassata.

19. Differenti hafna kien ikun il-kaz kieku l-proceduri kostituzzjonali, minflok b'referenza, kienu rrizultaw li nbdew b'rikors ta' l-appellant direttament quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. F'dan l-ahhar kaz, il-proceduri kienu jkunu verament independenti u awtonomi mill-proceduri li minnhom kienu joriginaw. Din il-Qorti jidhrilha li huwa korrett u f'loku l-kumment li ghamel l-appellat Kummissarju tal-Pulizija (ara fol. 73) meta sostna li:
*"Illi ghad-differenza ta' proceduri kostituzzjonali mibdija b'rikors, referenza kostituzzjonali hija intimament konnessa mal-kawza li minnha tkun saret . Jekk il-kawza li minnha saret referenza tispicca ghal kwalunkwe raguni tispicca ukoll kull raguni ghal biex titkompla r-riferenza billi din qatt ma jista' jkollha effett fuq procedura mitmuma."*

20. Minn dak li ntqal sa issa jidher car li din il-Qorti ma tistghax taccetta it-tesi tal-intimat appellant meta jghid li
*"Dik ir-riferenza ma tistax tintemm jew tigi minsusa b'dak li jkun qieghed isir fil-proceduri quddiem il-Qorti mil-liema tkun saret dik ir-referenza precizament minhabba li l-unika Qorti li jkollha gurisdizzjoni fuq il-materja tal-ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem tkun decizament il-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-ebda Qorti ohra wara li tkun saret ir-riferenza. Ghalhekk dik l-ordni ta' riferenza tista' tispicca u tigi terminata minn decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u mill-ebda decizjoni ta' l-ebda Qorti ohra"* (fol. 62, 63).

Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, bid-dezerzjoni ta' l-appell intemm dak l-istess appell u ghalhekk sfat nieqsa l-bazi guridika ghar-riferenza kostituzzjonali. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.

21. Bit-tieni aggravju tieghu, l-appellant qieghed jissolleva ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti punt gdid. Qieghed jallega li d-digriet ta' dezerzjoni moghti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, f'cirkostanzi fejn kienet gia` saret referenza kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghad-decizjoni tal-kwistjoni sollevata mill-akkuzat dwar l-allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, hu fih nnifsu, leziv tad-drittijiet fondamentali ta' l-appellant. Hu jkompli jissottometti hekk:
*"...l-ordni ta' dezerzjoni taghha li kien jittermina l-proceduri minghajr ma tkun giet deciza preventivament ir-riferenza lillha maghmula kienet fiha innifisha vjolattiva tad-drittijiet fondamentali tal-akkuzat. Ghalhekk dak id-digriet ta' dezerzjoni huwa null u rritu billi vjolativ tad-drittijiet fondamentali ghall-smiegh xieraq ta' l-akkuza kif ukoll ghall-prosegwiment tar-rimedju ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif kontemplati mill-istess Kostituzzjoni."* (fol. 63)

22. Id-digriet ta' dezerzjoni in kwistjoni huwa bbazat fuq l-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9), li jiddisponi hekk:

**"Jekk, f'jum tas-smigh ta' l-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghad dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma fuq rikors ta' l-appellant, ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volontà tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh ta' l-appell, u, f'dan il-kaz, ighoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-ahhar artikolu qabel dan."**

23. L-appellat Kummissarju tal-Pulizija kkummenta hekk dwar dan l-aggravju ta' l-appellant:
"l-appellant ma jistax jilmenta li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fondamentali mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta d-dezerzjoni kienet l-effett uniku tan-nonkuranza u t-

traskuragni grossolana tieghu stess li m'gharafx jiehu hsieb l-interessi tieghu." (fol. 73)

24. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar ikkummentat fl-istess sens u inoltre sostniet li l-appellant naqas li jqajjem din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk huwa ma jistax jissolleva din il-kwistjoni kompletament gdida, fi stadju ta' appell.

25. L-ewwel Qorti ma tat l-ebda decizjoni fuq il-kwistjoni involuta fit-tieni aggravju ta' l-appellant ghas-semplici raguni li din l-istess kwistjoni qatt ma tressqet quddiemha u ghalhekk qeghda titressaq mill-appellant l-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Evidentement din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tistax tidhol fil-meritu ta' dan l-aggravju. L-appellant huwa pjenament konsapevoli ta' dan ghaliex jirrizulta verbalizzat fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2003 (ara fol. 93) hekk:
"Dr. Ian Refalo informa l-Qorti li behsiebu jistitwixxi proceduri godda ta' natura Kostituzzjonali fis-sens spjegat fl-ahhar paragrafu tar-rikors ta' l-appell ta' Nicholas Gatt a fol. 63 tal-process u ghalhekk talab differiment ghal dan l-iskop."

Ma hemm l-ebda taghrif fil-process dwar jekk dawn il-proceduri godda gewx istitwiti u f'kaz affermattiv, x'kien l-ezitu taghhom. Din il-Qorti tinnota li l-partijiet nghataw il-fakolta` fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2005, li jissottomettu noti bil-miktub, liema noti pero` ma jidhrux li gew npprezentati. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-meritu tat-tieni aggravju ta' l-appellant.

25. Ghall-motivi hawn fuq premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, tal-10 ta' Jannar 2000.

L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu ta' l-appellant Nicholas Gatt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------